FONTANA

Minuti tat-tmintax il-laqgha tal-Kunsill Lokali Fontana, li saret nhar it-Tlieta, 28 ta' April 2009, fis-1.30 ta' wara nofsinhar fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

| **Prezenti:** | **Membri** |
| --- | --- |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Vici-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| Agent Segretarju Ezekuttiv: | Is-Sinjorina Josephine Borg |

Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg.
L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet it-talba.

Fil-bidu tal-laqgha s-Sindku nforma lil Kunsill li l-minuti tal-laqgha tas-27 ta' Frar ma hemmx u dwar il-laqgha tat-3 ta' Marzu li saret b'urgenza sab draft bid-data tas-6 ta' Marzu fuq id-desk ta hdejn il-photocopy. Dawn saru mis-Sur Emanuel Terribile li dak inhar kien Agent Segretarju. Is-Sindku pprezenta lil Kunsill zewg envelopes bojod issiggillati bit-tape u l-firma tas-Sur Emanuel Terribile, fejn gie innotat li ma kienx l-istess "envelope" li gie ssiggillat wara li giet xolta l-laqgha tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2009. Huwa qal li dawn it-tape kienu gew issiggillati wara li giet xolta il-laqgha tas-27 ta' Frar bil-firem ta' l-Agent Segretarju u tal-Kunsillier Victor Cefai. Meta gie mistoqsi mis-Sur Lorry Apap, il-Kunsillier Victor Cefai ikkonferma dan. Dawn gew miftuha mill-Agent Segretarju Ezekuttiv fil-prezenza tal-Kunsilliera, waqt il-laqgha tal-Kunsill tat-28 ta' April 2009.
Is-Sindku ipprezenta wkoll envelope li rcieva b'posta rregistrata fil-16 ta' Marzu mibghut mill-Agent Segretarju Ezekuttiv is-Sur Emanuel Terribile. Dan l-envelope kien fih envelope iehor issiggillat bil-firem tal-Kunsillier Victor Cefai u l-Agent Seg. Ezekuttiv, u miktub fuqu x'korrispondenza fih. (A. Tape laqgha b'Urgenza 3 ta' Marzu 2009; B. 3 Agendi – Laqgha b'Urgenza 3 ta' Marzu 2009 (ghal filing); C. Ittra (Kopja ghal filing) Assigurazzjoni u Sigurta Kunsill Lokali Fontana; D. Ittra (Kopja ghall-Filing) Mons. Borg; E. Ittra (Kopja Filing) Father Refalo; F. Ittra (Kopja ghall filing) Marcel Bonnici. G. Cwievet (2) tal-Bibien (Barra u tan-Nofs). Tape tar-recording tal-laqgha tat-3 ta' Marzu. Dan gie miftuh mill-Agent Segretarju Ezekutiv fil-prezenza tal-Kunsilliera waqt il-laqgha tal-Kunsill tat-28 ta' April 2009. Is-Sur Horace Micallef saqsa min ser jaghmel il-minuti ta' dawn il-laqghat. L-Agent Seg. Ezekuttiv qalet li ser tistaqsi lid-Direttur Gvern Lokali. Is-Sindku qal ukoll li fis-17 ta' Marzu cempillu id-direttur tal-Gvern Lokali s-Sur Natalino Attard, fejn nfurmah li s-Sur Emanuel Terribile kien ta r-rizenja tieghu minn Agent Segretarju tal-Kunsill lid-Dipartiment fis-16 ta' Marzu 2009. Is-Sindku nforma lil Kunsill li s-Sur Terribile kien beda bis-"sick leave" mill-4 ta' Marzu 2009.

**Korrispondenza**

Inqraw Circulars: MPO 13/2009; MPO 14/2009; MPO 15/2009; MPO 24/2009; MPO 25/2009; MPO 26/2009. HR/MJHA 01/2009; HR/MFEI 03/2009; HR/MFEI 04/2009; HR/MFEI 05/2009 AND ADDENDA; MFEI 05/2009; MSOC/HR 04/2009; HR/MSOC 05/2009.
Memo 15/2009 – Rapport dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali; Memo 21/2009 – P.Q. 7442; Memo 22/2009 – P.Q. 7440; Memo 23/2009 – P.Q. 7443; Memo 24/2009 – Skema dwar Accessibilita' Ahjar fil-Lokalitajiet; Memo 25/2009 – Fondi Specjali ghall-lokalitajiet bi Bzonnijiet Specjali; Memo 26/2009 – Kuntratt Gdid Dwar Gbir ta' Skart Organiku.
Inqraw il-Manifesto for Children, li ser isir fit-30/04/2009;
Avviz mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni dwar nisa li jirritornaw ghax xoghol,Cirk.: AKL 25/2009: Mobility Week 16 – 22nd Sept.; Cirk DLG "Laqgha f'Kastilja: Thabbira tar-Riforma"

Il-Kunsill ircieva korrispondenza mid-Direttur Gvern Lokali li l-hlas tas-salarju ta' l-Agent Seg. Ezekuttiv ghandu jsir mill-Kunsill. Dan peress li l-Kunsill kien talab li l-hlas tas-Sur Emanuel Terribile isir mid-Dipartiment. Il-Kunsill rcieva "ittra bonarja" mis-Sur Emanuel Terribile ddatata 28 ta' Marzu 2009, fejn talab il-hlas tas-salarju tieghu, permezz tal-kont li kien hemm fl-istess ittra. Is-Sindku talab lid-Direttur Gvern Lokali ghal gwida fuq il-kont tas-salarju ta' Emanuel Terribile. Is-Sindku nforma wkoll lis-Sur Emanuel Terribile li ser jithallas, wara li jircievi gwida mid-Direttur Gvern Lokali.

Inqrat korrispondenza mid-Direttur Gvern Lokali dwar il-hatra ta' Josephine Borg bhala Agent Segretarju Ezekuttiv.

Korrispondenza mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli fuq il-kundanna ghall-attakki fuq Gwardjan Lokali u fuq ir-residenza tas-Sindku ta' Hal Lija, fejn il-Kunsill baghat is-solidarjeta tieghu.

Inqara l-avviz tal-hinijiet l-godda, li twalu, ta' l-ETC ghal min ikun ser jirregistra l-ewwel darba.

Inqraw talbiet ghal donazzjonijiet minn OASI, Patrijiet Dumnikani, imma l-Kunsill qabel li ma jinghatawx.
Inqrat ittra mill-Asst. Direttur James Catania lis-Sur Emanuel Debono ghax fis-7 ta' April 2009, kien assent mill-post tax-xoghol.
Il-Kunsill kien mistoqsi mid-Dipartiment Gvern Lokali jekk rciviex fondi mill-Unjoni Ewropea minn Marzu 2009 'l hawn, u l-Kunsill wiegeb li ma rceviex.

Inqraw avvizi fuq: Exhibition of Ceramic Sculptures, Il-Jum Dinji tal-Ktieb; Mid-Dipartiment Gvern Lokali fuq Gemellagg mal-Comune ta' Riano; Quddiesa ghall-Anzjani fl-Okkazjoni ta' Jum l-Omm; seminar " Il-Futur tal-Familja" il-gimgha, 15 ta' Mejju 2009; seminar fuq il-Mental Health; u kors "Wildlife and Habitats of the Maltese Islands"

Il-MEPA baghtet l-informazzjoni mitluba mill-Kunsill dwar l-fond Urban Improvement Fund. Dawn huma Euro 6,600. Is-Sindku ippropona lil Kunsill li b'dawn l-fondi u ohrajn mill-Kunsill ssir sistema gdida tad-dawl ta' fanali dekorattivi fi Triq Sptar San Giljan, bhal dawk ta' Triq il-Ghajn. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku ser jiltaqa' ma l-Eng. Galea & Curmi ghall-studju mehtieg.
Korrispondenza tal-MEPA fuq decizjonijiet relevanti ghal Fontana:- 01433/2008; u 07423/07.
Korrispondenza mill MEPA fuq Natura 2000. L-Agent Seg. Ezekuttiv ghandu jiccekja jekk il-Fontana taqax taht Natura 2000.
Il-Kunsill intalab mill-MEPA u mill-Water Resource Authority biex jdahhal fil-Website tieghu il-questionnaire fuq il-Water Resource Management. OS 3 ghandha tigi nfurmata biex taghmel dan l-arrangament mehtieg.
K.K.M. informa lil Kunsill li ghandu l-Ktieb Orqod Qalbi Orqod.
Korrispondenza mill-ECO Energy fuq solar street lighting system.
Il-Kunsill gie nfurmat li ser ikun hemm laqgha fit-30 ta' April fuq Agriculture funds mill-Mosta-Europe Direct.
Avviz mill-MEUSAC ghal consultation meetings fil-5 u fis-6 ta' Mejju fuq IPPC u SMES.
Il-Kunsill rcieva CD fuq "Aahrus Project waqt seminar li sar fis-26 ta' Marzu.

**Ilmenti**

Tressaq lment minn Grace Cardona fuq "traffic jams fi Triq L-Isptar San Giljan, u li ma jistghux johorgu mid-dar. Dan kien waqt progett fi Triq tal-Ghajn. Din ghandha tintbghat lil Gwardjan Lokali.

**Mistoqsijiet**

Il-Kunsillier Victor Cefai staqsa lil Agent Segretarju Ezekuttiv jekk il-computer hux "updated" bizzejjed u ssugerixxa li jinbidel l-computer tas-Segretarju Ezekuttiv biex ikun aktar efficjenti.

**Laqgha tal-Lokalita'**

Gie deciz li l-laqgha tal-Komunita' ssir il-Hadd 31 ta' Mejju, 2009, fid-9.15a.m.

**Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv**

Il-Kunsill qabel li jaghti Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv li jkun ta' 10%.

**Mozzjonijiet**

Mozzjoni Nru. 29, li qeghda fil-Minuti tal-laqgha tat-28 ta' Jannar 2009, mressqa minn Saviour Borg fuq sistema ta' "photovoltaic" ghall-ewwel fazi tac-Centru Civiku, ghandha tigi amendata, ghax din il-mozzjoni giet sekondata mill Kunsillier Victor Cefai, u mhux Horace Micallef.

**Approvazzjoni ta` kontijiet**

Il-kontijiet ta` hawn taht gew approvati:

| | |
|---|---|
| Mayor's Allowance March 09 | € 374.98 |
| Employee salaries Josianne March 09 | € 2,838.21 |
| Mayor's Allowance April 09 | € 374.98 |
| Employee salaries Josephine April 09 | € 1,411.01 |
| NI & FSS Feb 09 | € 613.64 |
| NI & FSS March 09 | € 1,464.30 |
| Rent of Civic Centre (Lands Dept.) | € 1,400.00 |
| Office Equiment - Stationery | € 307.67 |
| Joscar Camilleri - Public Conv. Feb & Mar 09 | € 316.68 |
| Accountancy Service | € 120.00 |
| IT Services - MITA Jan-Dec 08 | € 1,910.31 |
| IT Services - MITA Jan-Mar 09 | € 477.58 |
| IT Services - MTA April - Jun 09 | € 477.58 |
| Baldacchinio - Chairs | € 1,770.00 |
| Refuse collection S.Debrincat - Feb 09 | € 1,051.03 |
| Refuse collection S.Debrincat Jan 09 | € 1,156.13 |
| Telephone Go - Jan 09 | € 60.29 |
| Fax Go - Jan 09 | € 18.70 |
| Bulky refuse Jan 09 | € 6.41 |
| Aperturi Ltd - Change door lock & Railing C.C. | € 135.70 |
| Josephine Gauci - Cleaning Service | € 136.77 |
| Laqgha ghas-Sindki u vici sindki | € 231.00 |
| Hotel Calypso | € 245.00 |
| Tables (Hire) (Manwel Mercieca) | € 63.00 |
| Road Paint (Mario Mallia) | € 197.00 |
| Road Hump (Mario Mallia). | € 285.97 |
| Spd.Moderator/Road Paint/Dowels (M. Mallia) | € 121.06 |
| Website update (OS3) | € 188.94 |
| Jum il-Fontana (prezentatur) | € 40.00 |
| Laqgha tas-Sindki (05/12/2008) | € 35.00 |
| **Total** | **€ 17,828.94** |

**Materji ohra**
Saret talba lis-Seg. Parlamentari Dr. Mario DeMarco u lil Bank of Valletta dwar sponsorship ghall progett ta' Triq Ghajn Tuta/ Wara d-Djar. Fl-ewwel kaz is-Sindku nforma lil Kunsill li ghandha ssir laqgha ma' David Apap, raprezentant ta' Ghawdex fl-Awtorita' tat-Turizmu, u fit-tieni kaz, it-talba giet rifjutata.

Il-Kunsill talab zewg (2) ritratti tal-President il-gdid George Abela.

Rigward l-Job Experience Scheme il-Kunsill gie nfurmat li ma kien hemm ebda applikant ghal xoghol ta' skrivan, u ser jaghlqu fil-15/05/2009. Rigward il-Community Work Scheme il-Kunsill gie nfurmat li r-request waslet tard, imma ser tinzamm pendenti jekk "l-ETC jibqalu ghad-dispozizzjoni tieghu nies li ma jkunux gew assenjati". Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-ittra ntbghatet fis-6 ta' April u waslet fit-13 ta' April meta l-applikazzjoni kienu jghalqu fid-9 ta' April.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li saret laqgha ma Maria Schembri u Lavinia Cassar mill-MEUSAC dwar il-possibbilita' li l-Kunsill japplika ghall fondi skond Measure 313 mill-Urban Improvement Fund" Ghal din il-laqgha attendew is-Sindku l-Agent Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku tal-Munxar. Is-Sindku qal li nistghu napplikaw ghat-tkomplija tat-tieni fazi ta' passagg bil-gebla tal-qawwi fi Triq Wied Siekel u xoghol simili f'tarf Triq Ghajn Tuta li jwassal sa Wied il-Lunzjata (Trejqet wara l-Idjar). Dwar it-tindif u r-riabitazzjoni ta' Wied ix-Xlendi sar suggeriment minn Marija Schembri biex napplikaw flimkien mal-Kunsill tal-Munxar.

Is-Sindku wiegeb b'ittra tal-Perit Angelo Portelli li l-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni fuq il-progett ta bini mill-gdid tat-Triq ix-Xlendi imma l-Kunsill jzomm id-dritt li jikkonsulta mal-Perit u l-kuntrattur dwar il-hinijiet. Dan wara li saret konsultazzjoni mal-kunsilliera.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li gie avvicinat mis-Sur John Cordina dwar it-tigrija taz-zwiemel fl-okkazjoni tal-Festa Titulari. Il-Kunsill qabel li jsir bhas-snin l-imghoddija u johrog Euro 582. Is-Sindku qal li ser javvicina lis-Sur Anthony Cassar, Direttur tal-Fontana Cottage Industry biex jaghti sponsor ghal dan il-ghan.

Il-Kunsill qabel ukoll li jaghti Euro 232 ghal festa tfal, lissir mill-parrocca ghal festa titulari bhal ma sar fis-snin ta' qabel. Din is-sena festa tfal ser issir fit-8 ta' Gunju 2009.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li ta x-xhieda tieghu dwar Triq Wied Siekel, fil-kawza li hemm bejn Michael Cassar et. u Wenzu Schembri et.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li gew jahdmu mal-Kunsill zewg haddiema tal-IPSL b'mod temporanju li huma ex-Water Works Service employees: George Grech u Joseph Haber. George Grech rrapporta dejjem sick.

Dwar "l-insurance" is-Sindku nforma lil Kunsill li l-kwotazzjoni migbura mis-Sur Emanuel Terribile, dwar l-insurance taqbez l-limiti li tinghata "direct order", jigifieri ta' Euro 1164, (Lm500) bl-ewwel fazi tal-progett tac-Centru Civiku. Barra minnhekk dwar "street furniture" hemm hafna iktar minn Euro 20,000. Ghalhekk il-lista ta' street furniture trid tigi aggornat u jingabu quotations godda, kif ukoll ghall insurance thal-membri tal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill qabel.

Waqt id-diskussjoni ta' l-insurance tqajjem il-punt jekk tistax tinkera jew le is-sala tal-Komunita'. Ghandu jigi ikkonsultat il-kuntrat tad-devolution. Dan minhabba li korrispondenza mill- MFEI Govt. Property Division, dwar il-bini ta' garaxx f'parti mill-playing field, fejn qalu lil Kunsill li "il-Kunsill ma jistax jikri din l-art jew xi parti minnha, biex jaghmel gwadan kummercjali"

Il-Kunsillier Horace Micallef qal biex titwahhal tabella fuq iz-zuntier minhabba l-hmieg tal-klieb; kif ukoll titwahhal ma ddumx il-mera fi Triq P.P.Hili Str, fejn hemm Fontanella Gardens. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar l-kont li hemm pendenti dwar il-hlas li baqa' jsir lil Nicky Saliba fuq l-ewwel fazi tac-Centru Civiku. Ghal tlett darbiet giet iffissata laqgha bejn is-Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap, li kienu responsabbli mix-xoghol u s-Sur Saliba, izda dan dejjem informa li dakinnhar ma setghax jattendi.

Is-Sindku ippropona biex issir harga ta' nofs ta' nhar ghar-residenti tal-Fontan bejn Mejju/Gunju.

L-Agent Seg. Ezekuttiv qalet li ma tafx tahdem fuq is-Sage. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa tistax tqabbad terza persuna biex taghmel l-Accounts tal-Kunsill u l-A/Seg Ezekuttiv qalet, fuq parir tad-Dipartiment, li tista tghin. Il-Kunsill iddecieda li jqabbad lil Johanna Caruana biex tghin lil Agent Segretarju Ezekuttiv fix-xoghol ta' l-accounts u li turija kif isir dan ix-xoghol. Din ser tithallas skond ix-xoghol li jkun hemm bzonn.

Il-Kunsill ddecieda li jaghmel laqgha mal-Kunsill Lokali tal-Munxar biex flimkien jigi diskuss l-attivita' li hemm hsieb li ssir ghat-tfal tal-Fontana u l-Munxar fix-Xlendi. Din l-attivita tista tigi nkluza bhala attivita' kulturali f'Ghawdex. Is-Sindku nforma lil Kunsill li s-Supretendent l-gdid Simon Galea, ried jiltaqa' mal-Kunsill tal-Fontana. Il-Kunsill qabel li jinforma lis-Sur Galea biex ikun jista' jiltaqa' mal-Kunsill.

Il-Laqgha waqfet fit-3.30p.m. u giet aggornata ghad-19 ta' Mejju 2009.

| | |
|---|---|
| Josephine Borg | Saviour Borg |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |